MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 88/2003

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Saviour Cacciattolo**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghogobha tipprocedi kontra Saviour Cacciattolo skond kif jipprovdi d-Digriet ta' din il-Qorti tas-7 t' Awwissu, 2003 u precizament sabiex tittratta mieghu definittivament ghall-ksur tal-kondizzjoni imposta fuqu fl-Ordni ta' Probation kif inhu xieraq skond il-ligi kif ukoll rat ir-rapport tal-Probation Officer Carmen Borg mehmuz mall-istess rikors ;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu, 2004 li bih ordnat ir-riarrest tal-intimat minnufieh u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-ghada filghodu 2 ta’ Marzu, 2004 fil-11 am.;

Semghet bil-gurament lil Ray Grech, Head Of Unit, Komunita’ Santa Marija Drug Rehabilitation tas-Sedqa , Carmen Borg, Probation Officer u Josette Camilleri addetta tas-Sedqa u hadet it-taghrif mehtieg minnhom;

Semghet ukoll minn jeddu bil-gurament lil Saviour Cacciattolo;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-Difiza fil-kors tas-seduti tat-2 u 3 ta’ Marzu, 2004,

Ezaminat id-dokumenti esebiti , komprizi r-rapport tal-Head of Unit tal-Komunita Santa Marija Drug Rehabilitation tas-27 ta’ Frar, 2004, il-fotokopja tad-dikjarazzjoni tar-resident Cacciattolo ,li biha qal li fis-27 ta’ Frar, 2004 kien *“hiereg mill-Programm offrut lilu fil-Komunita’ Santa Marija b’ mod volontarju u kontra kull parir tal-Unit Leader/Programme Facilitator u l-Assistent tieghu u ta’ l-Istaff*” kif ukoll il-kopja tad-dokument tar-regoli li ghandu jigi firmat mill-membru tal-komunita u li tinzamm minnu ghaz-zmien kollu li jaghmel fiha ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Mejju, 2003;

Rat is-sentenza taghha tat-3 ta’ Lulju, 2003;

Rat id-Digriet Taghha precedenti tas-7 t’ Awwissu, 2003, fejn din il-Qorti, fuq denunzja kontenuta f’ Nota tal-istess Probation Officer Carmen Borg fis-sens tal-artikolu 21 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta , u wara li kien gie pruvat ghas-sodisfazzjon taghha li l-intimat Cacciattolo kien naqas milli jhares wahda mill-htigijiet tal-Ordni tal-Probation, kienet ikkundannatu ghall-ammenda ta’ hamsin lira Maltin (LM50) u ordnat li dak in-nhar stess kellu jerga jiddahhal bil-kunsens tieghu fil-programm residenzjali tas-Sedqa u li jibqa fih sakemm jitterminah b’ success u , f’ kaz li ghal xi raguni, **tkun li tkun** , hu jerga’ jinterrompi

dan il-programm , ordnat li jigi riarrestat minnufieh hekk kif issirilha denunzja mill-Probation Officer jew mill-Avukat Generali , biex umbaghad tkun tista tittratta mieghu definittivament ghal ksur ta' din il-kondizzjoni kif inhu xieraq skond il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-intimat esebita fuq ordni tal-Qorti bin-Nota tal-4 ta' Marzu, 2004;

Ikkunsidrat

Li dina hija t-tieni darba li l-Probation Officer Carmen Borg kienet kostretta li tirraporta lil din il-Qorti li Saviour Cacciattolo ma qaghadx ghall-ordni u l-kondizzjonijiet tal-probation imposta fuqu u senjatament dik li jtemm b' success programm ta' riabilitazzjoni mid-droga fil-unit residenzjali tas-Sedqa .

Illi mhux kontestat li l-programm gie interrott u li issa , anki kieku jrid , l-intimat ma jistax jerga' jibdieh . Li hu kemmxejn in kontestazzjoni hu x' wassal ezatt biex l-intimat iddecieda li jitlaq mill-Unit .

Fil-waqt li meta xehed l-intimat qal li hu telaq ghax meta hareg mill-Unit bil-verifika kien mar ma mara izda kien irrifjuta li jikxef lill-shabu ohra mill-istess unit li ghamlu bhalu u ghalhekk kien ipprefera li jitlaq mill-programm milli jigi kostrett li jikxef lil shabu kif ippretenda li jaghmel il-Head of Unit, Ray Grech, Head of Unit ta versjoni differenti tal-fatti . Di fatti Grech xehed li dwar il-kwistjoni tal-mara ma kien hemm ebda konflitt bejnu u bejn l-intimat u din kienet giet “trashed out” ghas-sodisfazzjon ta' kullhadd. Il-problema vera kienet ohra u cioe' li fis-section fejn kien speci responsabbli l-intimat, ossia dik tat-trobbija tal-fniek, kien hemm indikazzjoni ta' abbuz mid-droga u l-intimat kien mistoqsi biex jizvela x' kien jaf dwar dan u minnflok baqa' sieket. Allura Ray Grech kien wissa lill-intimat li jekk kien ser jibqa' sieket kien ser ikollu jittermina l-programm billi jitkecca minnu jekk minn provi ohra kien ser jidher li hu kien involut . F' dis-sitwazzjoni l-intimat iddecieda li jtemm il-programm u iffirma id-dikjarazzjoni

fuq imsemmija u telaq. Is-Sur Grech stess kien wasslu ghand il-familja tieghu .

Bejn iz-zewg versjonijiet moghtija , din il-Qorti thoss li zgur hi aktar attendibbli dik tas-sur Grech .

Issa skond il-para. 19 tar-regoli tal-Komunita' li l-intimat kien iffirma ghalihom fl-4 ta' Marzu, 2003, meta dahal hemm l-ewwel darba hu kien impenja ruhu li jirrispeta kull regolament u fost dawn kien hemm ir-regolament 19 li jaqra testwalment hekk :-

*"Irrid ukoll inkun onest u ma nhalli lil hadd ifesfes fil-widnejn fuq haddiehor . Ghandi nikkonfrontah* ***u nghaddi "feedback****".*

U r-Regolament 20 li jaqra hekk :-

*"…****naccetta kull "direction" li jaghtini l-istaff anki jekk ma naqbilx maghha****…..Nitghallem naghmel anki dawk l-affarijiet li ma nifhimx.* ***Naghmilhom imbaghad nifhimhom."***

Illi fil-fehma ta' dil-Qorti , l-intimat kien obbligat li jikkoopera bis-shih mad-dirigenti tal-Unit , jitolbu x' jitolbu minnu w jekk hass li kien qed jigi mitlub minnu xi haga li ma kellhiex tigi mitluba minnu , qatt ma missu ghazel li jitlaq hu mill-programm kontra l-ordni espressa u emfasizzata lilu ta' din il-Qorti fid-Digriet tas-7 t' Awwissu, 2003. Se mai , jekk ma riedx jikkoopera , imissu halla l-awtoritajiet ikeccuh imbaghad jikkontesta tali tkeccija b' kull mezz li tatih il-ligi . Imma bil-fatt li ddecieda li jitlaq hu , gie li mar kontra wahda mill-kondizzjonijiet tal-ordni tal-probation maghmul fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif riformat minn din il-Qorti bis-sentenza taghha tat-3 ta' Lulju, 2003 biss ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli .

Illi din il-Qorti tara li din hija it-tieni darba li l-intimat temm il-programm u dan minkejja li l-ahhar darba li ghamel hekk , din il-Qorti kienet ghamlitilu cara daqs il-kristall li jekk jerga jieqaf mill-program ghal xi raguni **"tkun li tkun"** ,

kien ser jigi riarrestat u dil-Qorti tittratta mieghu b' mod definittiv skond kif inhu xieraq skond il-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-unika raguni valida li setghet tiggustifika li l-intimat ma jintbaghatx il-habs wara li f' dan il-kaz kien instab hati ta' sensiela twila ta' serq minn djar privati u lukandi u danni volontarji fl-istess postijiet ,kienet it-tama – forsi effimera – li l-intimat jirriforma ruhu u jehles mill-vizzju tad-droga . Kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ghal darbtejn hasset li kellha tati opportunita' lill-intimat li jaghmel dan . Jidher pero' li kull sforz li sar u anki kull opportunita' li nghata l-intimat anki f'kazijiet ohra precedenti ma servew ghal xejn.

Qieset li n-nuqqas tal-intimat din id-darba ma jistax ikun aktar serju milli kien ghax proprju bih ser jigri li l-intimat ser jerga' jintelaq ghall-ghonq it-triq fil-hajja zregolata u bla qies meta issa spiccat kull tama li jirriforma ruhu permezz tal-programm tas-Sedqa ghax hemm zgur li ma jistax imur lura , kif xehed Ray Grech.

Ghalhekk din id-darba din il-Qorti ma tistax terga semplicement timponi hlas ta' xi ammenda kif ghamlet l-ahhar darba bid-Digriet tas-7 t' Awwissu,2003 fl-interess tal-intimat u b'sens ta' tama u fiducja fih . Imma ser ikollha tittratta mieghu kif kienet taghmel kieku l-intimat kien ghadu kif instab hati minnha tar-reati serji li taghhom instab hati a tenur tal-Art. 21 (2) tal-Kap.446.

Rat li mill-fedina penali aggornata tal-intimat jidher li hu - apparti minn-reati ohra konnessi mat-traffiku u mall-evazzjoni tal-VAT – kien instab hati ta' pussess tad-droga eroina mill-inqas hames darbiet u fil-fatt darba minnhom anki gie sentenzjat ghal tlitt xhur habs ghal reat kommess qabel dawk mertu ta' dil-kawza. Umbaghad fis-16 ta' Dicembru, 2002 kien gie kundannat ghal tlitt snin prigunerija meta instab hati ta' diversi kazijiet ta' serq, tentattiv ta' serq u falsifikazzjoni ta' cheques bir-recidiva liema reati kienu gew kommessi preciz wara dawk li l-Qorti ser tittratta mieghu taghhom f' din is-sentenza;

Issa fid-dawl tal-fedina penali tal-intimat , ftit kien ikun hemm sens li l-Qorti ma tapplikax ukoll piena karcerarja fil-konfront tal-intimat f' dan il-kaz , kieku mhux ghax kien hemm it-tama li hu jista' jirriforma ruhu billi jikkompleta b'success il-programm tar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga . Altrimenti ftit li xejn wiehed jista' jispjega s-saggezza li wiehed japplika l-provvedimenti tal-Kap.446 ma persuna li tkun gja giet sentenzjata darbtejn ghall-piena karcerarja. Issa pero' li ghat-tieni darba l-intimat ghazel li jinterrompi l-programm u din id-darba bla possibilita' li jerga' jigi ri-ammess kif sar l-ahhar darba ; jidher li l-intimat ixxupa kull opportunita' li tawh dawn il-Qrati w jibqalu biss li jhallas il-kont tieghu mas-socjeta' ghall-hajja kriminuza tieghu .

Illi ghar-reati li taghhom instab hati l-intimat mill-Ewwel Qorti , hu seta' jehel il-piena segwenti . Ghar-reat kontinwat ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin , mezz u lok , hu kien passibbli ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax  il-xahar sa tnax il-sena . Jekk imbaghad wiehed kellu jzid ma dan terz tal-minimu u nofs tal-massimu tal-piena ghar-reat kontinwat ta' hsara volontarja li teccedi l-hames mitt lira li ghalihom il-piena tvarja minn tmintax il-xahar sa sitt snin , jigi li l-intimat hu passibbli ghall-piena ta' prigunerija minima ta' sentejn sa wahda massima ta' hmistax il-sena , minhabba l-konkors tal-pieni a tenur tal-art. 17 (b) tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti tilqa t-talba tal-Avukat Generali u , wara li rat is-sentenza taghha tat-3 ta' Lulju, 2003 ,u wara li rat  l-artikolu 21(2) tal-Kap.446,u rat ukoll l-artikoli17(b)(h),18,31,261(b)(c)(e),263,264,265,266,267,289,278,279,280,281,325,u 330,  tal-Kap.9, minnflok l-ordni maghmul  skond l-artikolu 7 tal-Kap.446, li issa qed jigi mhassar u revokat , tikkundanna lill-Saviour Cacciottolo ghall-piena ta' hames snin prigunerija, li minnhom iridu jitnaqqas kull periodu li hu ghamel arrestat il-habs biss in konnessjoni ma dan il-kaz u ma ebda kaz iehor .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------